

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2019/2004**tat-28 ta' Novembru 2019****id-Deċiżjoni emendatorja tal-Kummissjoni 2005/872/KE, Euratom fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għar-Repubblika Ċeka li tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tal-VAT tar-riżorsi proprji fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri***(notifikata bid-dokument C(2019) 8595)***(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikulari t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 381 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽²⁾, ir-Repubblika Ċeka tista', skont il-kondizzjonijiet li japplikaw f'dak l-Istat Membru fid-data tal-adeżjoni tiegħu, tkompli teżenta t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri, kif imsemmi fil-punt 10 tal-Parti B tal-Anness X ta' dik id-Direttiva, sakemm l-istess eżenzjoni tapplika fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li kienu membri tal-Komunità fit-30 ta' April 2004. Skont dak l-Artikolu, daww it-tranżazzjonijiet iridu jitqiesu għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).
- (2) Skont l-Artikolu 1a tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/872/KE, Euratom ⁽³⁾, ir-Repubblika Ċeka kienet awtorizzata li tuża perċentwal fiss għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 10 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE rigward trasport tal-passiġġieri.
- (3) L-aħħar spezzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT żvelat li l-awtorizzazzjoni biex jintuża metodu ta' kalkolu simplifikat għall-kalkolu tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 10 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE kienet ibbażata fuq dejta mhux korretta u mhux kompluta. Kieku l-Kummissjoni kienet f'pussess ta' *data* korretta u kompluta, l-awtorizzazzjoni biex jintużaw stimi approssimattivi għat-trasport tal-passiġġieri għall-perjodu 2015 sal-2020 ma kinitx tingħata lir-Repubblika Ċeka. Huwa għalhekk xieraq li jitħassar l-Artikolu 1a tad-Deċiżjoni 2005/872/KE, Euratom b'mod retroattiv.
- (4) Id-Deċiżjoni 2005/872/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1a tad-Deċiżjoni 2005/872/KE, Euratom huwa mħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

⁽¹⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/872/KE, Euratom tal-21 ta' Novembru 2005 li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka li tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tal-VAT tar-riżorsi proprji (ĠU L 322, 9.12.2005, p. 19).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-26 ta' Novembru 2015.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membri tal-Kummissjoni
